DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Marzu 2009

li testendi l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE li teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw li fis-suq jitqiegħdu biss lajters li huma reżistenti għat-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lajters innovattivi (novelty lighters)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2078)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/298/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/502/KE [2] teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-passi biex jiżguraw li fis-suq jitqiegħdu biss lajters li huma reżistenti għall użu mit-tfal u li jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' lajters innovattivi.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE ġiet adottata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/95/KE, li tillimita l-validità tad-Deċiżjoni għall-perjodu ta' mhux iżjed minn sena, iżda tippermetti li tiġi kkonfermata għall-perjodi żejda li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jaqbeż sena.

(3) Id-Deċiżjoni 2006/502/KE li ġiet emendata darbtejn, l-ewwel mid-Deċiżjoni 2007/231/KE [3] li estendiet il-validità tad-Deċiżjoni sal-11 ta' Mejju 2008 u t-tieni darba bid-Deċiżjoni 2008/322/KE [4] li estendiet il-validità tad-Deċiżjoni għal sena oħra, sal-11 ta' Mejju 2009.

(4) Fl-assenza ta' miżuri oħra adegwati li jindirizzaw il-ħarsien tat-tfal mil-lajters, jeħtieġ li l-validità tad-Deċiżjoni 2006/502/KE tiġi mtawla għal 12-il xahar oħra u li tiġi emendata skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 6, il-paragrafu 2 tad-Deċiżjoni 2006/502/KE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni tapplika sal-11 ta' Mejju 2010."

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju 2009 u għandhom jippubblikaw dawn il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni

Meglena KUNEVA

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
[2] ĠU L 198, 20.7.2006, p. 41; MT: ĠU L 118M, 8.5.2007, p. 976.
[3] ĠU L 99, 14.4.2007, p. 16; MT: ĠU L 219M, 24.8.2007, p. 488.
[4] ĠU L 109, 19.4.2008, p. 40.